MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 131/2004

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet tas-26 ta' April 2001 Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil C B assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fl-24 ta' Ottubru, 1996 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel D li twieled fit-12 ta' Marzu, 1997;

U premess illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f'inkompatabilita' ta' karattru u kif ukoll minhabba nuqqasijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenut u dan peress illi l-konvenut sar hati versu l-attrici u binhom minuri ta' adulterju, eccessi, sevizzi, u ngurji gravi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibli u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-konvenut ilu li abbanduna l-familja tieghu kif ukoll id-dar matrimonjali sa minn Lulju, 1999;

U premess illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tistitwixxi din il-kawza u dan permezz ta' digriet datat 20 ta' Frar, 2004 (Dok. A);

U premess illi huwa fl-interess tat-tifel minuri D illi l-kura u l-kustodja tieghu jigu fdati lill-attrici;
Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenut u dan ghar-ragunijiet ta' adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevolabbilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri D lill-attrici;

3. Tordna lill-konvenut sabiex imantni lill-attrici u lit-tifel minuri D u ghal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja u tordna lill-konvenut sabiex ihallas dik ir-retta alimentari hekk stabbilita, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tigi inkrementata perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti is-sehem dovut u tordna xoljiment tal-istess komunjoni, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand

sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tapplika kontra l-konvenut internament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. Tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) – kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw li ulterjorment jipprovdu eccezzjonijiet meta ikunu jafu l-fatti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tad-difensuri;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-24 ta' Ottubru 1996 il-kontendenti zzewgu wara li l-attrici, li dak iz-zmien kellha 17-il sena, kienet harget gravida mill-konvenut, persuna ta' nazzjonalita' Taljana u li dak iz-zmien kellu circa 19-il sena. Minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem D fit-12 ta' Marzu 1997.

Jirrizulta manifest li l-konvenut ma kienx ippreparat ghal dan iz-zwieg kemm affettivament fil-konfront ta' l-attrici kif ukoll ghal dawk li huma dmirijiet tal-hajja matrimonjali, bir-rizultat li matul iz-zwieg u fil-bidu tieghu zviluppaw problemi matrimonjali li wasslu sabiex il-konvenut abbanduna kompletament id-dar konjugali f' Lulju tas-sena 1999 u cioe kwazi tlett snin wara, u dan minghajr

raguni valida fil-ligi, kif ukoll ma baqax jivversa mantiment lil martu ghaliha u ghal uliedhom li per konsegwenza kellhom jmorru jghixu mal-genituri ta' l-attrici li minnhom kienet tircievi ghajnuna finanzjarja. L-attrici tghid li qabel ma l-konvenut abbanduna d-dar konjugali huwa kien jivversalha flus ghal ghixjien tal-familja kollha, inkluz il-konvenut, fl-ammont settimanali ta' Lm30; izda minn mindu telaq huwa ma baghtilhiex flus aktar, hlief ghal perijodu ta' tmien xhur meta kien beda baghat is-somma ta' 60 euro fix-xahar. Mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenut ma kienx wera interess fit-tifel taghhom li illum ghandu disa' snin u li kien u ghadu fil-kura u kustodja ta' l-attrici li bl-ghajnuna, kemm finanzjarja kif ukoll morali, tal-genituri taghha qed trabbi lil binhom.

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut, in bazi ghall-aggravji kollha elenkati fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll decizjoni dwar il-kura u kustodja ta' binhom D, manteniment, likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-imsemmi Kap.

Illi mill-kwadru tal-fatti sodisfacentement provati l-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfiguraw l-abbandun kontemplat fl-Artikolu 41 kif ukoll is-sevizzi u l-offiza gravi kontemplati fl-Artikolu 38, li rrendew il-hajja konjugali bejn il-kontendenti mpossibbli, u dan bi htija unikament tal-konvenut.

Mill-provi rrizulta car li minghajr raguni valida fil-ligi l-konvenut abbanduna lil martu u lil uliedu kompletament kwazi tlett snin wara z-zwieg, u fit-termini ta' dak kontemplat fl-Artikolu 41. Dan fih innifsu, kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx jivversa ebda manteniment la ghal martu u lanqas ghal ibnu ghal aktar minn tlett snin jikkostitwixxi wkoll sevizzi kif ukoll offiza gravi; ghax osservat minn din il-Qorti fil-kawza *PA[PS] Lucia Bassiousy Passiouny vs Dr.Edwina Chetcuti* deciza 21 ta' Ottubru 2002 "la persistenza e la continuita' in tal-caso, anzi attribuerebbero all' abbandono un carattere

ingiurioso *[Baudry citat b' approvazzjoni fil-kawza Vol.XXVI.II.9]*. Effettivament dan il-karattru ingurjuz konsegwit bl-abbandun ghandu ukoll sapur ta' mohqrija meta l-mara u l-ulied jithallew bla manteniment, u dawn ikun kostretti li ghas-sussistenza taghhom jirrikorru ghall-ghajnuna socjali *[PA[PS] Ermelinda Glynn vs Avukat Dottor Tonio Mallia deciza fid-9 ta' Dicembru 2002].*

*Kura u Kustodja*
Illi rigward il-kura u kustodja tat-tifel minuri jigi osservat in vena legali li Il-principji regolaturi fil-materja, huma li l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta' l-eta' ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz. Illi apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha f' din il-materja, il-principju dominanti huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u interess ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu jirrizultaw mill-provi. Illi gid tat-tfal ghandu jinkludi mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben essere morali taghhom. L-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interessi tal-kontendenti fil-kawza. L-Art.47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma bazati fuq dawn il-principji. *[PA[PCP] Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett deciza 11.12.2003].*

Fil-kaz in disamina rrizulta ampjament li t-tifel D li llum ghandu disa' snin baqa' fil-kura u kustodja ta' ommu l-attrici li baqghet trabbieh u tiehu hsiebu nonostante li l-konvenut abbandunahom kompletament; u ghalhekk ma' ghandux ikun hemm dubju li l-interess tal-minuri jiddetta li dana jibqa' fil-kura u kustodja ta' l-attrici.

*Manteniment*
Rigward it-talba ghal manteniment jigi osservat li ma jirrizulta li l-attrici ma tahdimx, ghalkemm mix-xhieda taghha jidher li dina hija marida serjament, u ghalhekk il-Qorti qed tiffissa retta alimentarja ghall-attrici pagabbli mill-konvenut ta' mitt lira maltin [LM100] fix-xahar kemm-il darba dina ma tkunx qed tahdem bi qliegh, f' liema kaz l-introjtu percepit minnha ghandu jitnaqqas minn dan l-ammont. Qed tiffissa ukoll retta alimentarja fissa ghat-tifel

pagabbli lill-attrici, fl-ammont ta' tmenin lira maltin [Lm80] fix-xahar.

*Komunjoni ta' l-Akkwisti*
Mill-provi jirrizulta ma hemm xejn jigi likwidat, stante li kif qalet l-attrici "fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma ghadna xejn, anzi l-konvenut meta telaq minn Malta hallili d-dejn." [Fol.32]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici, hlief ir-raba, talba huma gusitifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi bil mod segwenti:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat;

[2] Tilqa' t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja ta' binhom D lill-attrici, u takkorda lill-konvenut dritt ta' access darbtejn fil-gimgha, liema granet utili ghandhom jigu miftehma bejn il-partijiet, mill-5.30 pm sas 6.30 pm – u, stante li mill-provi jirrizulta li l-konvenut mhux persuna affidabbli, tordna li l-access isir that supervizjoni ta' haddiema socjali nominat mill-Agenzija Appogg u a spejjez ta' l-istess konvenut.

Inoltre tordna li l-post ta' residenza tal-minuri jkun f' Malta, u li l-istess minuri ma jittehidx barra minn dawn il-Gzejjer, lanqas temporaneament, jekk mhux bil-permess ta' l-attrici, jew, fin-nuqqas, minghajr l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti.

[3] Tilqa' t-tielet talba u tiffissa retta alimentarja ghall-attrici pagabbli mill-konvenut ta' mitt lira Maltin [LM100] fix-xahar kemm-il darba dina ma tkunx qed tahdem bi qliegh, f' liema kaz l-introjtu percepit minnha ghandu jitnaqqas minn dan l-ammont. Inoltre, tiffissa retta alimentarja fissa ghat-tifel D pagabbli lill-attrici, fl-ammont ta' tmenin lira Maltin [Lm80] fix-xahar.

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba stante li ma rrizutlax li hemm assi x' jigu likwidati;

[5] Tapplika fl-intier tieghhom d-dispost tal-Artikoli 48 u 54 fil-konfront tal-konvenut.

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------